2024/868

19.3.2024

REGOLAMENT (UE) 2024/868 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Marzu 2024

li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI fir-rigward tal-allinjament tagħha mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tipprevedi regoli armonizzati għall-protezzjoni u għall-moviment liberu ta' *data* personali pproċessata għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tas-sejbien jew tal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew tal-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluża s-salvagwardja kontra theddid għas-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni tiegħu. Dik id-Direttiva tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina atti rilevanti oħra adottati mill-Unjoni sabiex tivvaluta l-ħtieġa li tallinjahom ma' dik id-Direttiva, u meta jkun il-każ tagħmel il-proposti neċessarji biex temenda dawk l-atti biex tiżgura approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI ([3]) tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (SID), li l-finijiet tagħha huma li tassisti fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju tal-liġijiet nazzjonali billi tipprovdi informazzjoni aktar malajr u b'hekk iżżid l-effettività tal-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri. Is-SID tikkonsisti f'bażi tad-*data* ċentrali li taħżen id-*data* personali, pereżempju l-ismijiet u l-kunjomijiet, l-indirizzi, in-numri tad-dokumenti ta' identità, relatati ma' komoditajiet, il-mezzi ta' trasport, in-negozji jew il-persuni u oġġetti jew kontanti miżmuma, sekwestrati jew ikkonfiskati. Il-bażi tad-*data* ċentrali hija ġestita mill-Kummissjoni, li ma għandhiex aċċess għad-*data* personali maħżuna fiha. L-awtoritajiet nominati mill-Istati Membri għandhom id-dritt li jaċċedu għall-bażi tad-*data* ċentrali u jistgħu jdaħħlu u jikkonsultaw l-informazzjoni maħżuna fiha. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) għandhom, fil-limiti tal-mandati rispettivi tagħhom u għal finijiet tat-twettiq tal-kompiti tagħhom, id-dritt li jaċċedu għad-*data* mdaħħla fil-bażi tad-*data* ċentrali mill-awtoritajiet nominati mill-Istati Membri u li jfittxu dik id-*data*.

(3) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali fl-Unjoni, id-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI jenħtieġ li tiġi emendata sabiex tiġi allinjata mad-Direttiva (UE) 2016/680. B'mod partikolari, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, ikunu limitati għal kategoriji speċifikati ta' suġġetti tad-*data* u kategoriji ta' *data* personali, jirrispettaw

([1]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2024.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li thassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/917/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-użu tat-teknoloġija tal-informatika għall-finijiet doganali (ĠU L 323, 10.12.2009, p. 20).

ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-*data*, jinkludu protezzjoni addizzjonali għal kategoriji speċjali ta' *data* personali u jirrispettaw il-kundizzjonijiet għall-ipproċessar sussegwenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi prevista s-superviżjoni koordinata tal-funzjonament tas-SID min-naħa tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(4) Sabiex jiġi żgurat approċċ ċar u konsistenti li jiżgura protezzjoni adegwata tad-*data* personali, it-terminu "ksur serju" użat fid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI jenħtieġ li jiġi sostitwit b'"reati kriminali" kif imsemmi fid-Direttiva (UE) 2016/680, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-fatt li mġiba partikolari hija pprojbita skont il-liġi kriminali ta' Stat Membru fih innifsu jimplika ċertu livell tas-serjetà tal-ksur. Barra minn hekk, il-fini tas-SID jenħtieġ li jibqa' limitat għall-assistenza fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali skont il-liġijiet nazzjonali kif definiti fid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI, jiġifieri, il-liġijiet nazzjonali li jaqgħu fil-kompetenza tal-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri u li għalhekk huma partikolarment rilevanti fil-kuntest tad-dwana. Għaldaqstant, filwaqt li l-kwalifika bħala reat kriminali hija rekwiżit meħtieġ, dan ma jfissirx li r-reati kriminali kollha skont il-liġijiet nazzjonali huma koperti mid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI. Pereżempju, ir-reati kriminali tat-traffikar illeċitu tad-drogi, it-traffikar illeċitu tal-armi u l-ħasil tal-flus huma koperti mid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni tat-terminu "ksur serju" bit-terminu "reati kriminali" jenħtieġ li ma tinftihemx li taffettwa r-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI dwar l-istabbiliment u t-trażmissjoni min-naħa ta' kull Stat Membru ta' lista ta' reati kriminali skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet għall-finijiet tal-bażi tad-*data* għall-identifikazzjoni ta' fajls doganali.

(5) Huma u jipproċessaw id-*data* personali fil-qafas tad-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI, mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi li jinsabu f'dik id-Deċiżjoni, l-Istati Membri huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom adottati skont id-Direttiva (UE) 2016/680, il-Kummissjoni hija soġġetta għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725, l-Europol hija soġġetta għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u l-Eurojust hija soġġetta għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Dawk l-atti jirregolaw, fost l-oħrajn, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-kontrolluri, tal-kontrolluri konġunti u tal-proċessuri, u r-relazzjoni bejniethom f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tad-*data* personali. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali responsabbli li jiżguraw il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/680 f'kull Stat Membru jenħtieġ li jkunu kompetenti għall-monitoraġġ u għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jenħtieġ li jkun responsabbli li jiżgura l-monitoraġġ u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data* personali stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI min-naħa tal-Kummissjoni, tal-Europol u tal-Eurojust.

(6) Bil-għan li tiġi żgurata l-aħjar preservazzjoni tad-*data* fis-SID, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet kompetenti, u bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 ([7]), il-proċedura li tirregola ż-żamma tad-*data* personali fis-SID jenħtieġ li tiġi ssimplifikata billi jitneħħa l-obbligu li kull sena tiġi rieżaminata l-ħtieġa għaż-żamma ta' *data* personali u billi jiġi stabbilit perjodu massimu ta' żamma ta' ħames snin li jista' jiżdied b'perjodu addizzjonali ta' sentejn dment li tali żieda tkun ġustifikata. Dak il-perjodu ta' żamma huwa meħtieġ u proporzjonat fid-dawl tat-tul tipiku tal-proċedimenti kriminali u n-neċessità tad-*data* biex isiru operazzjonijiet doganali konġunti u investigazzjonijiet.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

(7) L-ipproċessar ta' *data* personali skont id-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI jinvolvi l-ipproċessar, l-iskambju u l-użu sussegwenti ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 87 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Għall-finijiet tal-konsistenza u tal-protezzjoni effettiva tad-*data* personali, l-ipproċessar tad-*data* personali skont id-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI jenħtieġ li jkun konformi mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inklużi s-salvagwardji kontra theddid għas-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni tiegħu.

(8) F'konformità mal-Artikolu 6a tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, l-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(9) F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 2a tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI u għaldaqstant qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(10) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fl-4 ta' Lulju 2023.

(11) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fini tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, f'konformità ma' din id-Deċiżjoni, għandu jkun li tassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali skont il-liġijiet nazzjonali, billi tipprovdi informazzjoni aktar malajr, u b'hekk isaħħaħ l-effettività tal-proċeduri ta' kooperazzjoni u ta' kontroll tal-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. "*data* personali" tfisser *data* personali kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

_____

(*) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"6. "awtorità superviżorja nazzjonali" tfisser awtorità superviżorja kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (15), tad-Direttiva (UE) 2016/680.";

(3) fl-Artikolu 3(1), il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tikkonsisti f'bażi ta' *data* ċentrali aċċessibbli permezz ta' terminals f'kull Stat Membru. Din għandha tinkludi esklussivament *data* meħtieġa biex tikseb l-finijiet tagħha kif iddikjarat fl-Artikolu 1(2), inkluża *data* personali, fil-kategoriji li ġejjin:";

(4) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-punti li għandhom jiddaħħlu fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali li jikkorrispondu għal kull waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 3(1), safejn dan huwa neċessarju biex jinkiseb il-fini ta' dik is-sistema. Fl-ebda każ m'għandha tiddaħħal *data* personali fil-kategorija msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (e).";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fl-ebda każ m'għandhom jiddaħħlu kategoriji speċjali ta' *data* personali msemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680 fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali *data* personali.";

(5) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-fini tal-azzjonijiet msemmijin fil-paragrafu 1, id-*data* personali li taqa' fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 3(1) tista' tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali biss jekk ikun hemm bażi raġonevoli, b'mod partikolari abbażi ta' attivitajiet illegali preċedenti, li jissuġġerixxu li l-persuna kkonċernata wettqet, qiegħda twettaq jew se twettaq reat kriminali skont il-liġijiet nazzjonali.";

(6) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-aċċess dirett għal *data* mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandu jkun riżervat għall-awtoritajiet nazzjonali nominati minn kull Stat Membru. Dawk l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu amministrazzjonijiet doganali, iżda jistgħu jinkludu wkoll awtoritajiet kompetenti oħra, skont il-liġijiet, ir-regolamenti, u l-proċeduri tal-Istat Membru inkwistjoni, biex jaġixxu b'mod li jiksbu l-fini msemmi fl-Artikolu 1(2).";

(b) il-paragrafu 3 huwa mħassar;

(7) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet nazzjonali nominati minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 7, l-Europol u l-Eurojust jistgħu jipproċessaw *data* personali miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali f'dawk il-każi biex jintlaħaq il-fini ddikjarat fl-Artikolu 1(2), f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali b'awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet nazzjonali nominati mill-Istat Membru li jkun daħħal id-*data* personali f'dik is-sistema, u soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni imposta minn tali awtoritajiet.

L-awtoritajiet nazzjonali nominati minn kull Stat Membru, l-Europol u l-Eurojust jistgħu jipproċessaw *data* mhux personali miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali sabiex jintlaħaq il-fini ddikjarat fl-Artikolu 1(2) jew għal finijiet oħra, inklużi dawk amministrattivi, f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni imposta mill-awtoritajiet nazzjonali nominati tal-Istat Membru li jkun daħħal id-*data* mhux personali f'dik is-sistema.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, u għall-Artikoli 11 u 12, id-*data* miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tintuża biss mill-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru nominati mill-Istat Membru inkwistjoni, li huma kompetenti, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat Membru, biex jaġixxu ħalli jiksbu l-fini msemmi fl-Artikolu 1(2).";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-*data* personali miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali tista', bl-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet nazzjonali nominati mill-Istat Membru li jkun daħħal dik id-*data* f'dik is-sistema u f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni imposta minn tali awtoritajiet, tiġi:

(a) trażmessa lill-awtoritajiet nazzjonali minbarra dawk maħtura skont il-paragrafu 2, u pproċessata ulterjorment minn tali awtoritajiet, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali; jew

(b) trasferita lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali, u pproċessata ulterjorment minn tali awtoritajiet, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali applikabbli għall-ipproċessar ta' *data* personali.

Data mhux personali miksuba mis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali tista' tiġi trasferita lill-awtoritajiet nazzjonali minbarra dawk maħtura skont il-paragrafu 2, lil pajjiżi terzi, u lil organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali u tiġi pproċessata ulterjorment minn tali awtoritajiet, f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni imposta mill-awtoritajiet nazzjonali nominati tal-Istat Membru li jkun daħħal id-*data* mhux personali f'dik is-sistema.";

(8) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Soġġett għal din id-Deċiżjoni, meta, fi kwalunkwe Stat Membru, qorti jew awtorità kompetenti oħra f'dak l-Istat Membru, tieħu deċiżjoni definittiva dwar l-immodifikar, is-supplimentar, ir-rettifikar jew it-tħassir ta' *data* fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali, l-Istati Membri jimpenjaw lilhom infushom reċiprokament biex jinfurzaw din id-deċiżjoni. F'każ ta' kunflitt bejn dawn id-deċiżjonijiet ta' qrati jew ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn fi Stati Membri differenti, inklużi tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, dwar ir-rettifikar jew it-tħassir, l-Istat Membru li jkun daħħal id-data inkwistjoni għandu jħassarha minn dik is-sistema.";

(9) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

"Id-*data* personali mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għandha tinżamm biss għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq il-fini msemmi fl-Artikolu 1(2) u ma tistax tinżamm għal aktar minn ħames snin. Madankollu, b'mod eċċezzjonali, dik id-*data* tista' tinżamm għal perjodu addizzjonali ta' massimu ta' sentejn, meta u sa fejn dan ikun meħtieġ biex jintlaħaq dak il-fini hija stabbilita f'każ individwali.";

(10) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fini tal-bażi tad-*data* ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali għandu jkun li tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għat-tmexxija ta' investigazzjonijiet doganali nominati f'konformità mal-Artikolu 7, meta jinfetaħ fajl dwar jew investigazzjoni ta' persuna/i jew negozju/i u għall-Europol u l-Eurojust, biex jidentifikaw l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra li qed jinvestigaw jew li investigaw dawn il-persuni jew negozji, sabiex, permezz tal-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' fajls ta' investigazzjoni, jilħqu l-fini msemmi fl-Artikolu 1(2).";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet tal-bażi ta' *data* ta' identifikazzjoni ta' fajls doganali, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-Europol, lill-Eurojust u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 lista tar-reati kriminali fil-liġijiet nazzjonali.

Din il-lista għandha tinkludi biss dawk ir-reati kriminali punibbli:

(a) b'tiċħid tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni ta' tul massimu ta' mill-inqas 12-il xahar; jew

(b) b'multa ta' mill-inqas EUR 15 000.";

(11) l-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 20*

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni:

(a) id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva (UE) 2016/680 għandhom japplikaw għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 7 ta' din id-Deċiżjoni;

(b) ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandu japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni min-naħa tal-Kummissjoni;

(c) ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) għandu japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni min-naħa tal-Europol; u

(d) ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) għandu japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni min-naħa tal-Eurojust.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(**) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

(***) Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).";

(12) l-Artikoli 22, 23, 24 u 25 huma mħassra;

(13) l-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 26*

1. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għandu jkun responsabbli li jiżgura l-monitoraġġ tal-ipproċessar ta' *data* personali min-naħa tal-Kummissjoni skont din id-Deċiżjoni u t-twettiq tiegħu f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. Konsegwentement, għandhom japplikaw il-kompiti u s-setgħat imsemmija fl-Artikoli 57 u 58 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* għandu jwettaq awditjar tal-ipproċessar ta' *data* personali min-naħa tal-Kummissjoni skont din id-Deċiżjoni f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar mill-inqas kull ħames snin. Għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali rapport ta' dak l-awditjar.

3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li jaġixxu fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkooperaw b'mod attiv fil-qafas tar-responsabbiltajiet tagħhom biex jiżguraw superviżjoni koordinata tal-funzjonament tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/1725.";

(14) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 2, il-punt (a), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għall-implimentazzjoni u għall-applikazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*;";

(15) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jinżdiedu l-punti li ġejjin:

"(i) jiżguraw il-possibbiltà li jiġu ripristinati s-sistemi installati f'każ ta' interruzzjoni;

(j) jiżguraw li s-Sistema taħdem korrettament, li l-iżbalji fis-Sistema jiġu rrapportati u li d-*data* personali maħżuna ma tkunx tista' tiġi korrotta minn funzjonament ħażin tas-Sistema.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 27 għandu jissorvelja l-mistoqsijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali għall-fini ta' sorveljanza li r-riċerki li saru kienu permessi u saru minn utenti awtorizzati. Mill-inqas 1 % tar-riċerki kollha għandu jiġi sorveljat. Għandu jinżamm rekord ta' dawn ir-riċerki u ta' din is-sorveljanza fis-Sistema u dan għandu jintuża biss għall-iskop imsemmi hawn fuq minn dak il-Kumitat, mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Dan għandu jitħassar wara sitt xhur.";

(16) l-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 29*

L-amministrazzjoni doganali kompetenti msemmija fl-Artikolu 10(1) għandha tkun responsabbli għall-miżuri ta' sigurtà mniżżlin fl-Artikolu 28, rigward it-terminals allokati fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, il-funzjonijiet ta' reviżjoni mniżżlin fl-Artikoli 14 u 19, kif ukoll, barra minn hekk, għall-applikazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni safejn huwa meħtieġ skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri ta' dak l-Istat Membru.";

(17) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa mħassar.

Artikolu 2

Sad-9 ta' Ottubru 2025, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-*data* personali mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni Doganali qabel it-8 ta' April 2024 għandha tiġi rieżaminata mill-Istati Membri li jkunu daħħlu dik id-*data*, jekk neċessarju, aġġornata jew imħassra biex jiġi żgurat li l-ipproċessar tagħha tkun konformi mad-Deċiżjoni 2009/917/ĠAI kif emendata minn dan ir-Regolament.

*Artikolu **3***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Marzu 2024.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	H. LAHBIB